# X'TAĦSEB DWAR L-INFORMAZZJONI FUQ IL-MEDIĊINI?

'L-aqwa saħħti!'. Din hija frażi li nisimgħu regolarment. Matul is-snin l-avvanzi fix-xjenza ssarrfu f'mediċini aħjar. U ninsabu f'sitwazzjoni fejn anki min qed jieħu l-mediċini huwa iktar infurmat u jrid ikun jaf iktar. Dan bir-raġun.

Bħalma nafu, fuq il-mediċini diġà ssib ammont ta' informazzjoni u grazzi wkoll għas-sistemi ta' l-informatika sar ukoll faċli biex takkwista iktar informazzjoni minn sorsi oħra. Dan però ma jfissirx li jista' jingħad li jrid. Per eżempju, diġà hemm regoli li ma jistax isir reklamar dwar mediċini li jittieħdu fuq preskrizzjoni mit-tabib, biex b'hekk l-informazzjoni tibqa' oġġettiva u ta' min joqgħod fuqha.

Fil-kuntest Ewropew, insibu diffikultà partikulari. Is-sitwazzjoni preżenti turi li bejn Stat Membru u ieħor (mis-27 li qegħdin) ir-regoli u l-prattika dwar liema informazzjoni tista' tingħata qed ivarjaw b'mod sinifikanti, bil-konsegwenza li kemm pazjenti, kif ukoll il-pubbliku ġenerali, m'għandhomx l-istess livell ta' aċċess għall-informazzjoni dwar l-istess prodotti mediċinali. Dan jista' jingħad ukoll għal-livell ta' kwalità fl-informazzjoni mogħtija.

Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni Ewropea qed tistħarreġ x'passi għandha tieħu biex ittejjeb is-sitwazzjoni għaċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni Ewropea. Fil-fatt għandha l-ħsieb li fi proposta legali li qed tfassal, iżomm il-projbizzjoni fuq reklamar ta' mediċini tal-preskrizzjoni, tirrevedi r-regoli kurrenti sabiex l-informazzjoni li tista' tingħata tkun iktar ċara, kif ukoll tagħmel differenza mill-aspett ta' sorveljanza bejn jekk huwiex il-konsumatur li qed ifittex l-informazzjoni jew hux qed jirċeviha b'mod passiv.

Minħabba li reklamar ma jistax isir, il-Kummissjoni qed tikkunsidra li tħalli lill-industrija tal-farmaċija tipprovdi informazzjoni dwar mediċini tal-preskrizzjoni permezz tal-mezzi pubbliċi tal-komunikazzjoni jew materjal li l-professjonisti tal-kura tas-saħħa jgħaddu lill-pazjenti. Dan il-pass però qiegħed jiġi abbinat mal-ħolqien ta'



mekkaniżmu li jiżgura li min qed jipprovdi l-informazzjoni jinforma wkoll lill-entitajiet regolatorji tal-pajjiż qabel ma jibda jagħmel dan, biex b'hekk is-suq jiġi ssorveljat sew. L-istess attenzjoni hi maħsuba għat-tweġibiet li jingħataw lill-pazjenti li jindirizzaw mistoqsijiet bil-miktub lill-kumpaniji.

Din l-inizjattiva għandha tpoġġi liċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni Ewropea fuq l-istess livell, għaliex il-liġi ssir tgħodd għal kulħadd bl-istess mod. Però qabel ma tiġi pubblikata l-proposta għal-liġi, il-Kummissjoni Ewropea qed titlob kummenti mingħand kull min hu interessat. Id-dokument relevanti, ta' ftit faċċati u li fih issib id-dettalji dwar kif tista' tikkontribwixxi, jinsab fis-sit elettroniku: http://ec.europa.eu/enterprise/pharmaceuticals/pharmacos/docs/doc2008/2008_02/info_to_patients_consult_200802.pdf. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu sas-7 ta' April 2008.



***Minn Julian Micallef***
*Forum Malta fl-Ewropa*